MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 26/2006/1

**Karl Borg**

**vs**

**Vella Group Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Frar, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Jannar, 2006, fejn l-attur qieghed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi ikkundannata tirrifondi lill-attur is-somma ta` tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita minn dana l-Onorabbli Tribunal, liema somma ma teccediex il-

kompetenza ta` dana t-Tribunal, liema somma tirrapprezenta flus indebitament imhallsa lis-socjeta` konvenuta mill-attur in konnessjoni ma` xoghol ta` skavar fil-propjeta` tal-attur gewwa l-Kalkara. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-**Risposta** tal-kovenut tat-30 ta' Gunju 2006 fejn gie eccepit illi t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ma kien hemm ebda hlas indebitu minn naha ta` l-istess attur li fil-fatt hallas skond rati u kejl approvati u mifthema minnu stess. Ghalhekk it-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Xehed il-**Perit Mario Cassar** prodott mill-attur li ikkonferma illi kien gie inkarigat sabiex jiehu hsieb bicca xoghol ta' bini ta' *terraced house* fil-Kalkara u, sabiex dan isehh, kien hemm bzonn li jsir skavar. Di fatti, hu kkonferma illi kien ghamel *survey* u kien qabbad is-*surveyor* Alfred Darmenia. Illi l-istess xhud stqarr ukoll illi bejn is-*surveys* illi kien ghamel is-Sur Darmenia u l-hlas li kien talab il-kuntrattur ibbazat fuq il-kejl illi dehrlu l-kuntrattur kien hemm diskrepanza ta 'l fuq minn tlett mitt (300) metru kubu.

L-attur **Karl Borg** ikkonferma illi kien qabbad lill-Perit Mario Cassar sabiex jghinnu jizviluppa l-art li kellu l-Kalkara, liema perit issugerielu li jqabbad *surveyor.* L-attur qabbad lis-Sur Darmenia bhala *surveyor* li ghamel *survey* fuq il-post u wara t-tqattigh tal-blat sar *survey* iehor, mill-istess Darmenia. It-tqattigh, skond ix-xhud sar minn

certu Jimmy Vella. Illi l-attur stqarr ukoll illi fuq il-post tax-xoghol, il-kuntrattur irrifjuta illi jittiehed il-kejl.

L-attur ukoll ikkonferma li meta qabblu l-kont li kien hadem is-Sur Darmenia mal-kont illi kien hadem il-kuntrattur kien hemm nuqqas ta’ qbil, u kienu sahansitra saru zewg laqaghat bejn il-partijiet sabiex jipprova jintlahaq ftehim, liema ftehim baqa’ ma ntlahaqx. Illi kien wara li kien gie mhedded mill-kuntrattur illi l-attur effettwa l-pagament hekk kif mitlub mill-kuntrattur. Skond l-attur, il-Perit Mario Cassar infurmah illi d-diskrepanza kienet ta’ madwar elf tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm1,350) mentri hu kien qed jistenna illi d-diskrepanza fil-kejl kienet issaraf f’xi mitejn Lira Maltin (Lm200). In kontro-ezami, l-attur ikkonferma illi hu ma kienx qabel mal-kejl hekk kif indikat mill-kuntrattur u hallas biss ghax gie mhedded.

Xehed **Alfred Darmenia,** prodott mill-attur li ikkonferma illi Dok MC 1, konsistenti f’*survey*, kien tieghu stess. Inoltre, ikkonferma ukoll illi Dok MC 2 hu mahrug mill-ufficcju tieghu u jindika is-somma ta’ erbat’ elef, mitejn u seba’ liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm4,207.47) rapprezentanti valur ta’ skavar illi sar fuq is-sit in kwistjoni, ibbazat fuq *surveys* illi kienu ghamlu.

Illi l-istess xhud ikkonferma illi kien hemm differenza bejn il-kont illi kien hareg il-kuntrattur u dak illi kien hareg hu kif ukoll illi ma ntlahaqx ftehim fuq it-tali dizgwit fiz-zewg laqghat illi kienu saru bejn il-partijiet u ikkonferma illi kien sar xi *adjustment* tal-kejl.

**Doris Borg**, prodotta mill-attur ikkonfermat illi tiftakar lir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta jhedded u jghid lill-attur illi kien ser jitfaghlu l-konkos sabiex ma jkunx jista’ jibni diversi drabi.

**Jimmy Vella** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, ikkonferma illi kien ghamel xoghol ta' skavar lill-attur. Illi meta muri diversi dokumenti mahruga mill-kumpanija tieghu, u ma gharafx il-firma tieghu fuqhom. Illi l-istess xhud ikkonferma ukoll illi l-attur ma kienx qabel mal-kubacc illi kien hemm u dan sahansitra wara illi kienet saret laqgha bejn il-partijiet. Ikkonferma ukoll illi l-ammont dovut lis-socjeta` konvenuta fuq it-thammil kien ta' tlett mija u hamsin Liri Maltin (Lm350) u li r-rata ta' tqattigh u garr tal-blat kien ta' erba' liri u hames centezmi Maltin (Lm4.05) kull jarda u li x-xoghol tkejjel minn certu Darmenia (da parti ta' l-attur) u minn Stephen Cini (li hu l-*quality surveyor* tal-kumpanija konvenuta).

Ikkonferma ukoll illi ircieva minghand l-attur is-somma ta' sitt elef mitejn u tnejn u tletin liri Maltin (Lm6232) - li jinkludu tlett mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) tat-tahmil u elf, tlett mija u tnejn u sebghin punt tlieta u hamsIn jarda kubika (1372.53) bir-rata ta' erba' Liri Maltin u hames centezmi (Lm4.05). Illi fl-ahhar jikkonferma ukoll illi l-kejl kif indikat fuq Dok MC 3 hu kejl mehud minn Stephen Cini. Inoltre, ix-xhud zied jghid illi is-*surveyor* ta' l-attur ma kienx qies illi tqattghet nofs it-triq, u s-Sur Darmenia kejjilha u rega' iltaqa' mas-Sur Cini u qablu mal-kejl tas-Sur Darmenia. Illi jikkonferma ukoll illi nhar il-21 ta' Dicembru, 2004, kien sar pagament shih ta' l-attur.

**Stephen Cini**, prodott mill-attur, ikkonferma illi ma kienx ha kejl qabel ma sar it-tqattigh, pero` hadu biss wara biex b'hekk jinhareg il-kont wara. Hu stqarr ukoll illi bejn il-kont illi kien hareg hu u dak li kien hareg is-*surveyor* imbqabbad mill-attur privatament (u cioe is-Sur Darmenia) kien hemm diskrepanza izda waqt laqgha illi kienet saret kien sar qbil fuq il-kont illi kien hareg hu . Esebixxa l-original tas-*survey* (Dok SC 1) li kien ghamel fejn kien ikkonkluda illi kien sar skavar ta' elf, tlett mija

u tnejn u sebghin punt tlieta u hamsin jardi kubici (1372.53).

Illi sar ukoll konfront bejn **Jimmy Vella**, **Stephen Cini** u l-**Perit Mario Cassar** fejn Stephen Cini ikkonferma illi hu ghamel is-*survey* tieghu indipendentement minn dak ta' Mario tad-Datatrak, li kien tqabbad minn Jimmy Vella. Illi kien fid-diskrezzjoni tieghu jekk it-tali *survey* jaghmlux jew le u inoltre, hu qatt ma qabel mal-konkluzjonijiet illi kien wasal ghalihom is-sur Darmenia.

Jimmy Vella stqarr illi peress ili ma kienx hemm permessi tal-MEPA u kienu gew tal-MEPA, l-giebja illi kienu qattghu regghu radmuha, ta' liema xoghol huma ma thallsux.

Il-Perit Mario Cassar ikkonferma illi hu kien iltaqa' ma' Jimmy Vella fuq is-sit fejn kien ghamilhielu cara illi qabel ma jsir it-tqattigh, l-ewwel kien ser jiehu *survey* u kien ser jerga' jiehu wiehed wara. Skond ix-xhieda ta' Jimmy Vella, hu iddikjara illi qatt ma ltaqa' mal-Perit Mario Cassar *on site. S*kond il-Perit Mario Cassar, id-dokument SC 1 huwa skizz u dilettantesk u bhala perit ma setax jistrieh fuq dokument bhal dak sabiex johrog il-kejl minnu.

Stephen Cini ikkonferma illi s-Sur Darmenia kien qabel mal-kejl hekk kif stabbilit minnu u l-hlas li hallas l-attur kien ibbazat fuq il-ftehim li kien intlahaq, fil-prezenza ta' l-istess Sur Darmenia.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-qofol tal-kwistjoni bejn il-kontendenti hija jekk l-attur hallasx izzejjed lis-socjeta` konvenuta ghal xoghol ta' skavar maghmul minn din ta' l-ahhar appuntu lill-attur u fuq inkarigu ta' dan ta' l-ahhar.

Il-kwistjoni tipperenja dwar il-kubagg kkallkolat illi tqatta`. Id-dokument esebit mill-Perit Mario Cassar (fol 38) jispjega tajjeb id-differenza bejn il-partijiet. Filwaqt illi s-socjeta` konvenuta, permezz tas-surveyor taghha issostni illi sar tqattiegh ta' 1372.53 yardi kubi, l-attur, permezz tas-surveyor tieghu isostni illi l-volum ta' tqattiegh kien ta' 1038.9 yardi kubi – differenza ghalhekk ta' 333.63 yardi kubi li bil-prezz il-yarda kubu kif kien miftiehem ta' Lm4.05 – igib total ta' differenza ta' Lm1351.20, jew ahjar €3147.45.

Illi minn DOK MC3 (fol 41) – jirrizulta illi l-attur hallas lis-socjeta` attrici somma rappresentanti 1372.53 yardi kubi (Lm5558.75).

Illi t-Tribunal jaghti kredibilita` ferm aktar lis-survey maghmul professjonalment mis-Sur Darmenia milli lil dak esebit in atti u maghmul minn Stephen Cini (fol 101) – deskritt mill-Perit Cassar bhala "dilettantesk" – li ghalkemm jibqa' perit *ex parte* f'dawn il-proceduri, pero` huwa perit professjonali.

It-Tribunal ghalhekk ma ghandux diffikulta` jiddikjara, wara illi ghamel apprezzament tal-provi kollha prodotti, inkluz d-dokumenti kollha esebiti, x-xhieda kollha mismugha u ukoll l-konfront maghmul lejn tmiem il-proceduri – illi t-talba attrici hija giustifikata, mhux fis-somma ta' €3494.06 (Lm1500) mitluba izda fis-somma ta' €3147.45 (Lm1351.20) – u dan ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati – imma fuq kollox peress illi jaghti piz ferm aktar lis-survey maghmul mis-Sur Darmenia kif mqabbad mill-Perit Cassar milli s-survey maghmul mis-Sur Cini, kif mqabbad mis-socjeta` konvenuta.

It-Tribunal qed jaghti dan il-piz b'dan il-mod ukoll peress illi jidhirlu, ghalkemm it-Tribunal mhux tekniku, illi huwa aktar verosimili illi jkollok rizultati sodisfacenti u korretti jekk, kif ghamel is-sur Darmenia, jittiehed survey qabel ma jinbeda l-

iskavar u iehor wara li jitlesta l-iskavar sabiex tohrog id-differenza fil-livelli u konsegwentament il-kejl tat-tqattiegh, milli kif ghamel is-Sur Cini, survey wiehed biss fl-ahhar biex jikkalkula t-tqattiegh.

Finalment – ghal dak li tallega is-socjeta` konvenuta illi l-attur kien hallas in full and final settlement u dak li jallega l-attur illi huwa kien kostrett ihallas l-ammont minnhu mitlub taht theddid – it-Tribunal iqis illi fuq bazi ta’ ekwita` dawn l-allegazzjonijiet ghandhom jinghataw importanza sekondarja ghall-kwistjoni principali li dan it-Tribunal irid jiddeciedi - ossia jekk sarx hlas indebitu jew le, partikolarment una volta illi t-Tribunal ihoss illi gie sodisfacentament ippruvat illi kien hemm kejl zbaljat kontra l-attur.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara illi evalwa l-provi u d-dokumenti kollha prodotti, b’ekwita` u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq moghtija, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont ta’ tlett elef mija u seba` u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€3147.45) gja Lm1351.20, ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghax mid-data tal-presentata ta’ l-Avviz.**”**

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` mharrka bl-aggravji li gejjin:-

1. Hi gabet prova dwar l-ezattezza tal-kejl li sar mis-*surveyor* taghha u, allura, ma kien hemm ebda gustifikazzjoni fattwali jew legali biex it-Tribunal jaghti piz akbar lill-provi mressqa mill-attur u jaccetta l-verifiki tas-*surveyor* Darmenia fuq dawk tas-*surveyor* Stephen Cini;

2. It-Tribunal ma kkonsidrax l-eccezzjonijiet u/jew il-provi prezentati minnha, fosthom illi s-*surveyor* Darmenia kien ommetta li jinkludi xi kejl ghat-tqattiegh ta' blat biex titbaxxa t-triq u ghall-giebja. Oltre dan, il-hlas mill-attur sar nonostante li allega li kien hemm xi diskrepanzi fil-kejl, u wkoll wara li saru diskuzzjonijiet bejn il-partijiet. Dan hu fundamentali ghaliex jigi li l-hlas ma sarx minnu bi zball u lanqas fuq allegazzjoni ta' zball li ma kienx maghruf lil xi parti;

3. It-Tribunal ma kellux jaghmel gudizzju ta' ekwita bi precedenza fuq il-principji legali, li, ghat-Tribunal gew meqjusa bhala sekondarji;

Huwa vitali illi l-kwestjonijiet devoluti bl-appell jigu mill-bidunett mqeghda fil-perspettiva guridika li jixirqilhom. L-attur appellat jippretendi bl-azzjoni minnu proposta illi huwa hallas biz-zejjed lis-socjeta` konvenuta s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) ghal xoghlijiet ta' skavar u li, skond hu, dan il-hlas kien indebitu, in kwantu skond is-*surveyor* tieghu Alfred Darmenia instab li kienet tezisti diskrepanza ta' 'l fuq minn 300 metru kubu meta komparat mal-kejl tas-*surveyor* Stephen Cini inkarigat mis-socjeta` konvenuta. Jikkonsegwi minn dan illi l-azzjoni ezercitata mill-attur hi wahda ta' ripetizzjoni ta' indebitu;

Issa kif inhu maghruf, taht il-ligi taghna l-istitut ta' l-indebitu hu prospettat taht zewg speci: dak soggettiv jew *ex persona*, tal-kreditur jew tad-debitur, a norma ta' l-Artikoli 1021 u 1022 Kodici Civili; dak oggettiv jew *ex re* fit-termini ta' l-Artikolu 1147, Kapitolu 16. Id-distinzjoni bejniethom giet mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili, presjeduta mill-Imhallef sedenti, ikkummentata kif gej:-

"Markatament, din id-diversita tikkonsisti fil-fatt li mentri fil-kaz ta' l-indebitu *ex persona* il-pagament irid ikun sar bi zball, fil-kaz ta' l-indebitu *ex re* id-debitu li bil-hlas gie estint ma jezistix affattu. Dan jew ghaliex qatt ma ezistiet l-kawza originarja tar-rapport ("*condictio indebiti sine causa*") jew ghaliex din il-*causa* giet nieqsa

successivament in kwantu annullata jew ghax tkun sehhet il-kondizzjoni sospensiva li tahta kienet sottoposta ("*condictio indebiti ab causam finitum*"). F' din l-ahhar ipotesi ta' indebitu oggettiv huwa ghalhekk irrilevanti l-izball, o meno, fis-*solvens*. Dan anke ghaliex l-istess ligi ma tipprovdix dwaru fl-Artikolu 1147". Ara "**Maria Galea -vs- Grace Borg**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Ottubru, 2005, konfermata in sede Appell fid-29 ta' Frar, 2008. L-istess distinzjoni giet minn din il-Qorti kif presjeduta affrontata fid-decizjoni taghha tat-3 ta' Ottubru, 2008 in re: "**Alfred Bugeja *et* -vs- Cottonera Waterfront Group plc**", bid-differenza li f'dan l-ahhar kaz si trattava minn indebitu *ex re,* f'dik l-ohra fuq citata l-indebitu kien wiehed *ex persona*. In vista tar-rapport ezistenti bejn il-kontendenti ta' din l-ahhar speci hu wkoll ix-xorta ta' indebitu f'din l-istanza, u dan jaghmlu regolat bl-Artikolu 1022 tal-Kodici Civili. Isegwi ghaldaqstant illi kellhom jissusistu t-tliet elementi kostitutivi tieghu, ossija, (i) li jkun sar pagament, (ii) li dan il-pagament ma kienx dovut, u (iii) fundamentalment, li l-pagament ikun sar bi zball. Zball dan li kif ritenut fid-decizjoni "**Romeo Fleri -vs- John B. Mifsud *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru, 1948, "irid ikun zball ta' fatt, u mhux ukoll zball ta' dritt jew injoranza tal-ligi";

Premessa din il-qaghda guridika, jekk wiehed joqghod anke esklusivament ghax-xhieda ta' l-attur (fol. 53) ghandu jirrizulta dan li gej:-

1. Kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-kont li hadimlu Darmenia u l-kont li hadimlu l-kuntrattur. In segwitu ghal dan saru laqghat bejn il-partijiet bl-involviment tas-*surveyor* pero ma ntlahaq ebda qbil;

2. Huwa jsostni li gie mhedded mill-kuntrattur li jimlielu l-iskavar bil-konkos, u peress li hu hassu mdejjaq b'dan id-diskors ghadda ghall-hlas bil-prezz li talbu l-istess kuntrattur. B'danakollu, in kontro-ezami, hu jistqarr li dwar dan l-allegat theddid ma ghamel ebda rapport lill-Pulizija (fol. 56);

3. Huwa jghid li qabel ma hallas haseb li d-differenza bejn iz-zewg kontijiet kienet ta' Lm200 u ma

kienx jaf li d-diskrepanza kienet ta’ Lm1350 ghax dan sar jafu wara minghand il-Perit tieghu Mario Cassar;

Jinghad fid-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Civili tat-8 ta’ Frar, 1957 fl-ismijiet “**Alfred Tonna *et* -vs- Carmela Bugeja *et***” illi “hu evidenti li l-fondament ta’ l-azzjoni ta’ indebitu huwa l-izball f’min ikun hallas, liema zball ma ghandux japprofitta ruhu min ikun ircieva l-hlas, skond il-massima ta’ gustizzja “*jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem*” (**De Regulis Juris, L. 206**). Izda, jekk ma ssirx il-prova ta’ dak l-izball fis-*solvens*, u b’mod specjali jekk issir il-prova li dak is-*solvens* kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta’ dak li hallas, ghaliex “*indebitum solutum sciens non recte repetit*” (**L.9. Condict. indeb.**). F’dan il-kaz, min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta u “*imputet sibi*” jekk kellu xi dannu (**Touillier,** Vol. VI no. 62; **Laurent**, Vol. XX numru 341, 352, 353, 354 u **Duranton**, Vol. VII, numru 677 *et sequitur*);

Analizzata x-xhieda ta’ l-attur appellat fl-ambitu ta’ l-enuncjazzjoni gurisprudenzjali hawn fuq riportata hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi mhix plawsibbli u lanqas verosimili l-versjoni ta’ l-attur illi meta hallas ma kienx jaf bl-izball ghaliex skond hu sar jaf bid-diskrepanza sussegwentement ghal pagament li ghamel. Hu nnifsu jikkoncedi illi qabel ma nzammu laqghat mar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta gew imqabbli l-kont li hadimlu s-*surveyor* tieghu ma’ dak ippreparat mis-*surveyor* tal-kuntrattur (fol. 53). Agguntivament, jammetti wkoll illi meta mar ikellem lil-kuntrattur fl-okkazjoni li allega li gie mhedded, l-istess kuntrattur kellu “quddiemu iz-zewg kontijiet bid-diskrepanzi fihom” (fol. 54). Effettivament, minn dokumenti ohra in atti (ara fol. 41) jidher li d-differenza ta’ Lm1350 kienet diga maghrufa minnu qabel ma hu ghadda ghall-hlas fil-21 ta’ Dicembru, 2004 (ara xhieda ta’ Jimmy Vella ghas-socjeta` konvenuta relattivament ghad-data tal-hlas li sar a fol. 90);

Issa fid-decizjoni tieghu t-Tribunal, apparti li ppresta fidi lis-*survey* ta’ Alfred Darmenia, irraguna bil-metru ta’ l-ekwita` li l-hlas li sar ghas-saldu ta’ dak dovut, kif ukoll l-allegazzjoni tat-theddid, kienu materji ta’ importanza sekondarja ghall-kwestjoni principali. B’risposta ghal dan il-Qorti tissottometti b’ripetizzjoni illi “ukoll jekk ghab-bazi ta’ l-ekwita` t-Tribunal ma ghandux dritt jissorvola kompletament l-applikazzjoni tal-ligi ghall-mertu” (“**Blye Engineering Ltd -vs- Vincent Caruana**”, Appell Inferjuri, 27 ta’ Ottubru, 2000 u “**Paul Portelli -vs- Pawla Buttigieg**”, Appell Inferjuri (Ghawdex), 5 ta’ Lulju, 2006);

Issokta infatti jigi pprecizat illi “l-uzu ta’ l-ekwita` bhala strument ta’ gudizzju ghar-raggungiment tal-gustizzja fil-kaz singolari u in bazi ghall-fattispeci partikolari tieghu, kien hekk konsentit in mertu ghall-valutazzjoni tal-fatti jew biex jikkolma certu vojt fil-provi u fejn okkorrenti, u hekk permissibbli, biex il-Gudikatur jiddevja mir-rigur tal-legalizmu zejjed u l-formalizmu ezagerat. Mhux ukoll pero` biex tigi injorata l-ligi jew l-esigenza tad-dritt applikabbli ghall-kaz konkret ... Il-kuncett ta’ l-ekwita` ma jistax ikun intiz bhala xi fonti awtonoma mil-ligi in kwantu dan jista’ jwassal ghall-kuntrast mal-principju tal-legalita` u tat-tutela tad-drittijiet”. Ara “**Connie Pace Rivans -vs- Joseph Rivans *et***”, Appell Inferjuri, 11 ta’ Dicembru, 2009;

Jekk kif sottomess mill-konvenut appellat huwa gie mhedded biex ihallas skond il-kont tas-socjeta` appellanti huwa kellu certament rimedji ohra legali ghad-disposizzjoni tieghu izda mhux ukoll l-azzjoni tar-ripetizzjoni ta’ l-indebitu ghaliex hu *sua sponte* ghadda ghall-hlas meta kien diga` konsapevoli illi kienu jezistu diskrepanzi fil-kejl ta’ l-iskavar u fil-kontijiet relattivi.

Ghal motivi kollha predetti din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tas-socjeta` appellata u konsegwentement tichad it-talba

ta’ l-attur appellat kontenuta fl-Avviz. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------